

Tnaqqis fl-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea

Ewropa Soċjali



Il-Kummissjoni Ewropea

Din il-pubblikazzjoni hija kkummissjonata skont il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjegi u s-Solidarjetà Soċjali (2007—2013). Dan il-programm jitmexxa mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Ġie stabbilit biex l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-impjegi u l-affarijiet soċjali tkun appoġġjata finanzjarjament, kif stipulat fl-Aġenda Soċjali, u b'dan għalhekk ikun qed jingħata kontribut f'dawn l-oqsma għall-kisba tal-għanijiet tal-EWROPA 2020.

Il-Programm ta' seba' snin jidentifika l-partijiet interessati kollha li jstgħu jgħinu fit-tfassil tal-iżvilupp tal-impjegi u l-leġislazzjoni soċjali u l-linji politiċi xierqa u effettivi, madwar l-UE-27, l-EFTA-ŻEE u l-pajjiżi kandidati u pre-kandidati tal-UE.

Il-missjoni PROGRESS għandha ssaħħaħ il-kontribut tal-UE bħala appoġġ għall-impjenji u l-isforzi tal-Istati Membri biex jinħolqu aktar impjegi u impjegi aħjar u biex tinbena soċjetà aktar koeżiva. Għal dan l-għan, PROGRESS hija strumentali biex:

- tipprovdi analiżi u pariri fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- tissorvelja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-linji politiċi tal-UE fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- tippromwovi t-trasferiment ta' linji politiċi, it-tagħlim u l-appoġġ fost l-Istati Membri dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE; u
- twassal il-fehmiet tal-partijiet interessati u tas-soċjetà b'mod ġenerali.

Għal aktar informazzjoni ara:
<http://ec.europa.eu/progress>

Tnaqqis fl-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea

II-Kummissjoni Ewropea

Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

Taqsim E4

Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi

Taqsim C4

Manuskritt li tlesta f' Ġunju 2010

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Ritratt tal qoxra: L-Unjoni Ewropea — Michel Loriaux

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek
issib twegjibiet għall-mistoqsijiet
tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux
aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-
telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>). Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-79-15043-2
doi: 10.2767/97424

© L-Unjoni Ewropea, 2011
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Germany
STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

Dikjarazzjonijiet

John Dalli – Il-Kummissarju għas-Saħħa u l-Politika tal-Konsumatur

Nemmen f'Europa fejn iċ-ċittadini kollha jgħixu fi stat ta' saħħa tajba u jkollhom aċċess għal servizzi tas-saħħa tajbin irrispettivament minn min huma, fejn jgħixu, kemm jaqilgħu flus. Din hija l-Ewropa li għandna nirsistu għaliha. It-tnaqqis fl-inugwaljanzi tas-saħħa huwa prijorità ewlenija.

Il-tnaqqis fl-inugwaljanzi tas-saħħa jeħtieġ azzjoni konġunta bejn politiki tas-saħħa pubblika u firxa ta' politiki oħra li għandhom impatt fuq is-saħħa inklużi l-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-ambjent. L-isfida hija kif jintużaw għodod ta' politika differenti sabiex jinbnew koalizzjonijiet effettivi għal azzjoni fil-livell ta' gvern u fil-livell tas-soċjetà.

Jiena obbligat li niżgura li l-Komunikazzjoni tagħna dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa "Solidarjetà fis-saħħa" twassal għal riżultati konkreti, u li nappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri sabiex jitnaqqsu d-differenzi fis-saħħa bil-modi kollha li nista'.

Il-kondiviżjoni bejnietna tal-aħjar prattiki u tal-lezzjonijiet li nitgħallmu u l-għajjnuna sabiex jiġu kkanalizzati l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għall-benefiċċju tas-saħħa f'reġjuni deprivati u fost dawk li huma fl-aġar qagħda, huma xi wħud mill-mezzi li se nwettqu fil-prattika. Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll monitoraġġ aħjar tal-inugwaljanzi tas-saħħa u x-xejriet fl-Ewropa, u se nsaqndi opportunitajiet għal riċerka f'dan il-qasam. Fl-aħħar nett, aħna se naħdmu flimkien biex niżguraw li l-politiki tal-UE jikkontribwixxu, meta jkun possibbli, għall-indirizzar tal-problema. Hídma fuq oqsma li qegħdin jiżviluppaw bħas-saħħa elettronika u l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa huma kontributori kritiċi għas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u jistgħu joffru kontribut ewlieni għall-indirizzar tal-inugwaljanzi.

F'dawn iż-żminijiet ta' kriżi ekonomika u pressjonijiet baġitarji, nemmen li jeħtieġ li ningħaqdu sabiex niżguraw li d-differenzi tas-saħħa fis-soċjetajiet tagħna ma



jkomplix jikbru. Jien fiduċjuż li fis-snin li ġejjin, ser inħarsu lura bi kburi meta nintebħu li l-isforzi tagħna għamlu differenza fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Ewropa.

László Andor – Il-Kummissarju għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

Sar progress konsiderevoli fil-qasam tas-saħħa, iżda minkejja dan, il-livell tal-inugwaljanzi bejn gruppi soċjali differenti u bejn nies li jgħixu f'partijiet differenti tal-Unjoni Ewropea jibqa' kbir b'mod inaċċettabbli. L-inugwaljanzi tas-saħħa mhumiex biss inġusti, iżda jfissru wkoll spiża kbira ekonomika u soċjali.

Il-fatt li tingħata attenzjoni akbar u aktar regolari lill-fatturi soċjali determinanti tas-saħħa fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja jista' jgħinna nnaqqsu l-fatturi li jnaqqsu l-għomor u li jkollhom impatt negattiv fuq il-ħajja tan-nies, il-livelli ta' produttività u l-infiq fil-kura tas-saħħa.

L-ispinta lill-impjiegi, iż-żieda fil-kwalità tax-xogħol u l-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol b'saħħtu u sikur għal kulħadd huma essenzjali għat-titjib tar-riżultati tas-saħħa. Jeħtieġ ukoll li nitrattaw il-qgħad fit-tul u l-faqar sabiex innaqqsu l-effetti negattivi tagħhom fuq is-saħħa ġenerali. Barra minn hekk, jeħtieġ li nirsistu sabiex niprovdu protezzjoni soċjali adegwata u aċċessibbli bi xbieki tas-sigurtà effettivi sabiex jittaffa l-impatt ta' ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali negattivi fuq is-saħħa.

Fl-aħħar nett, u aktar importanti, aċċess imtejjeb għas-ervizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità jista' jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għal saħħa aħjar u ħajja itwal f'ħafna reġjuni tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jikkontribwixxi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.



Werrej

1. Inugwaljanzi tas-saħħa fl-UE	7
1.1. Inugwaljanzi tas-saħħa bejn u ġewwa l-Istati Membri	7
1.2. Inugwaljanzi bejn gruppi soċjali	8
1.3. Saħħa partikolarment dgħajfa fost gruppi vulnerabbli	8
2. Kawżi tal-inugwaljanzi fis-saħħa	9
2.1. Determinanti ġenerali tas-saħħa	9
2.2. Kwistjonijiet ta' impjeg	11
2.3. Ġid u saħħa: relazzjoni kumplessa	11
2.4. Protezzjoni soċjali u trasferimenti: kontribuzzjoni għall-istatus tas-saħħa?	11
2.5. Punt fokali: infiq u baġits tal-kura tas-saħħa	12
2.6. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali: x'inhu l-impatt?	13
3. Azzjoni fuq l-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Istati Membri tal-UE	13
KAŻ TA' STUDJU 1 Ir-Renju Unit – Programmi Lokali Sure Start: It-tqegħid fil-prattika ta' "universaliżmu proporzjonali"	14
KAŻ TA' STUDJU 2 L-Ungerija – Opre Roma: Tqajjim ta' għarfien dwar l-ippjanar ta' djar b'saħħithom u sostenibbli fost komunità Roma li tgħix f'Debreceen	15
KAŻ TA' STUDJU 3 Il-Ġermanja "Job Fit Regional": L-irbit tas-saħħa mal-promozzjoni tal-impjeg	16
4. Azzjoni fuq livell tal-UE	17
4.1. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa	17
4.2. L-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi	18
4.3. Kooperazzjoni mal-Istati Membri	19
4.4. L-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE	19
4.5. Fondi tal-UE	19
4.6. Leġiżlazzjoni	20
4.7. Is-suq intern	21
4.8. L-edukazzjoni u ż-żgħażaġh	21
Annessi	
Links u referenzi bżonnjużi	22
Biblijografija ħafifa	22



© L-Unjoni Ewropea

1. Inugwaljanzi tas-saħħa fl-UE

Iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea (UE), bħala medja, jgħixu ħajjiet itwal u aktar b'saħħithom mill-ġenerazzjonijiet preċedenti, u l-livelli tas-saħħa fl-UE tjiebu kontinwament fid-deċennji reċenti. Fl-istess ħin, jeżistu inugwaljanzi kbar u li possibbilment jinħassu iktar bejn u fi ħdan l-Istati Membri tal-UE.


Il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra dawn l-inugwaljanzi bħala sfida għall-impenn tal-UE favur is-solidarjetà, il-koeżjoni soċjali u ekonomika, id-drittijiet tal-bniedem u l-opportunitajiet indaqs. Il-Kummissjoni għalhekk hija determinata li tappoġġja lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati fuq livelli differenti tas-soċjetà fl-isforzi tagħhom biex jindirizzawhom.

1.1. Inugwaljanzi tas-saħħa bejn u ġewwa l-Istati Membri

L-għomor mistenni fit-twelid jista' jagħti xi ħjiel tal-livelli tas-saħħa fost il-popolazzjoni fit-totalità tagħha, u hawnhekk jeżistu differenzi sostanzjali bejn ir-reġjuni tal-UE. Fl-2006, id-differenza bejn l-Istati Membri bl-ogħla u bl-inqas għomor mistenni kienet ta' tmien snin għan-nisa u 14-il sena għall-irġiel. Għal diversi pajjiżi, id-distakk bejn l-għomor nazzjonali mistenni u l-medja tal-UE żdied f'dawn l-aħħar żewġ deċennji.

Hemm ukoll differenzi ta' massimu ta' 20 sena fin-numru ta' snin li wieħed jgħix b'saħħtu (Snin ta' Ħajja Sana), bejn nies li jgħixu fil-parti Ċentrali u nies li jgħixu fil-parti tal-Lvant tal-UE, speċjalment l-irġiel, li bħala medja jgħixu inqas snin f'saħħa tajba.

L-għomor mistenni fit-twelid tal-irġiel 2002–2004, NUTS 2



Sors: Eurostat.



Differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri jinstabu wkoll fil-mortalità tat-trabi, il-mortalità prematura, il-mortalità evitabbli u l-miżuri tas-saħħa aktar soġġettivi bħal saħħa ġenerali awtoperċeputa u l-mard fit-tul jew limitazzjonijiet fl-attività esperjenzati fl-aħħar sitt xhur.

Il-mortalità għolja u l-morbożità minn mard kardjovaskulari, korrimenti u vjolenza, il-kanċer u mard relatat mal-alkoħol jikkontribwixxu għal differenzi fl-għomor mistenni. Il-fatturi ta' riskju sottostanti għal dawn il-kundizzjonijiet, bħal kundizzjonijiet iktar fqar ta' għajxien u tax-xogħol, tipjip, dieta u l-konsum tal-alkoħol, huma aktar prominenti f'pajjiżi b'għomor mistenni iqsar.

1.2. Inugwaljanzi bejn gruppi soċjali

Minbarra d-differenzi bejn l-Istati Membri, ġiet identifikata xaqliba soċjali fl-istatus tas-saħħa. Nies b'edukazzjoni iktar baxxa, ta' klassi okkupazzjonali iktar baxxa jew dħul aktar baxx, kif ukoll xi minoritajiet etniċi f'ħafna Stati Membri għandhom it-tendenza li jmutu iżgħar u li jbatu minn prevalenza ogħla ta' ħafna mit-tipi tal-problemi tas-saħħa.

L-impatt fuq is-saħħa ta' dawn il-varjabbli jibda ta' età żgħira u jppersisti matul il-ħajja. Id-differenzi fl-għomor mistenni fit-twelid bejn l-ogħla u l-inqas gruppi soċjoekonomiċi (eż. bejn okkupazzjonijiet manwali u professjonali, persuni b'edukazzjoni primarja u post-sekondarja, u l-inqas u l-ogħla kwintili ta' dħul) ivarjaw bejn 4–10 snin għall-irġiel u 2–7 snin għan-nisa. F'xi Stati Membri, id-distakk kiber ukoll matul l-aħħar f'it deċennji. Barra minn hekk, il-mortalità tat-trabi hija ogħla fil-gruppi soċjoekonomiċi l-aktar baxxi u l-inugwaljanzi relatati ma' dan il-fattur żdiedu wkoll f'diversi pajjiżi.

1.3. Saħħa partikolarment dgħajfa fost gruppi vulnerabbli

Gruppi bħal persuni f'żoni żvantaġġjati u fil-faqar, dawk li huma bla xogħol u impjegati b'mod informali, in-nies bla dar, il-persuni b'diżabilità, nies b'mard mentali jew kroniku, l-anzjani fuq pensjonijiet baxxi u l-ġenituri waħedhom, għandhom it-tendenza li jesperjenzaw livelli ogħla ta' mard u mewt qabel iż-żmien.

L-inugwaljanzi bejn iċ-ċittadini u xi gruppi migranti jppersistu, kemm f'termini ta' status tas-saħħa kif ukoll fir-rigward ta' aċċess għal servizzi tas-saħħa. Il-migranti jistgħu jesperjenzaw vulnerabilità akbar għall-mard li jittieħed, bħat-tuberkolożi, l-HIV/AIDS jew l-epatite, u b'hekk ikollhom impatt fuq il-livelli ġenerali tas-saħħa. Huma jistgħu jiffaċċjaw ukoll riskji ogħla ta' mard li ma jitteħidx (eż. mard kardjovaskulari) u problemi ta' saħħa mentali. Dawn jistgħu jirriżultaw minn taħlita ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, il-proċess ta' ċaqliq lejn pajjiż ieħor u l-aġġustament għal ambjent ġdid fil-pajjiżi ospitanti tagħhom¹.

Barra minn hekk, jidher li hemm rabta bejn l-inugwaljanzi fis-saħħa f'pajjiż u s-saħħa ġenerali tal-popolazzjoni, b'mod li iktar ma tkun kbira l-inugwaljanza, aktar tkun dgħajfa s-saħħa tal-popolazzjoni fit-totalità tagħha. It-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-Istati Membri jista' għalhekk jgħin ukoll biex inaqqas dawk bejn l-Istati Membri.


¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa u l-Migrazzjoni fl-UE 2007.

2. Kawżi tal-inugwaljanzi fis-saħħa

2.1. Determinanti ġenerali tas-saħħa

Jeżistu diversi mudelli li jippruvaw juru r-relazzjoni bejn determinanti differenti u s-saħħa. Il-mudell Dahlgren and Whitehead, użat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa juri l-perspettiva tal-“qawsalla-stratifikata” dwar il-kawżi tal-inugwaljanzi. Il-livelli tas-saħħa ma jvarjawx b’mod każwali iżda huma r-riżultat ta’ differenzi sistematiċi fid-distribuzzjoni ta’ fatturi li jaffettwawhom.

Il-mudell Dahlgren-Whitehead dwar id-determinanti tas-saħħa



Sors: Dahlgren-Whitehead: WHO Europe 2007 “Strateġiji Ewropej għat-trattament tal-inugwaljanzi soċjali tas-saħħa: approssimazzjoni tal-Parti 2”. B’referenza għad-D&G / sors preċedenti 1993.

Il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol jaffettwaw is-saħħa permezz ta’ mekkaniżmi diretti u indiretti fiżiċi u psikoloġiċi. L-impatt ta’ xi fatturi jinħass fuq perjodi twal. Pereżempju, kundizzjonijiet ħżiena fit-tfulija jistgħu jaffettwaw is-saħħa aktar tard fil-ħajja. L-esponiment għal fatturi li jinfluwenzaw is-saħħa





jvarja skont fejn jgħixu n-nies u s-sitwazzjoni tax-xogħol tagħhom. Fir-rigward tad-djar, taqsimiet tal-popolazzjoni tal-UE m’għandhomx aċċess għall-ilma għieri, ħasil adegwat u faċilitajiet sanitarji, enerġija għall-but tagħhom, tişhin ċentrali u insulazzjoni, u jgħixu fl-umdità u f’kundizzjonijiet ta’ ffullar żejje. Ix-xogħol li huwa fiżikament esiġenti jista’ jkollu wkoll impatt negattiv fuq is-saħħa, bl-istess mod bħal livelli baxxi ta’ kontroll tax-xogħol, żbilanċ fl-ippremjar għall-isforzi u l-esponiment għal riskji fiżiċi u mentali fil-post tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, il-ġestjoni soda, kundizzjonijiet tajba tax-xogħol u l-eżistenza ta’ netwerks soċjali sodi fuq ix-xogħol jista’ jkollhom impatti pożittivi fuq is-saħħa.

Imġiba relatata mas-saħħa bħal dieta, livelli ta’ attivitá fiżika, l-użu tat-tabakk u tal-alkoħol u l-imġiba sesswali huma influwenzati minn fatturi soċjoekonomiċi u fatturi kulturali. Dan jista’ jispjega parzjalment id-differenzi fis-saħħa bejn il-gruppi soċjali u l-pajjiżi u ż-żoni. Ħafna mill-istudji jikkunsidraw li l-imġiba individwali tista’ tammonta għal 25–35% tad-differenzi fis-saħħa tan-nies. Hemm varjazzjonijiet kbar bejn il-pajjiżi Ewropej u l-gruppi soċjoekonomiċi f’termini ta’ nutrizzjoni tajba, prevalenza tat-tipjip, konsum tal-alkoħol u attivitá fiżika, u r-riżultati ta’ dawn il-fatturi bħall-obeżità u s-saħħa dgħajfa.

Fatturi psikosoċjali bħal avvenimenti negattivi fil-ħajja, sentimenti ta’ esklużjoni u emarġinazzjoni, in-nuqqas ta’ kontroll fuq l-avvenimenti fil-ħajja tal-bniedem u t-twettiq ta’ xogħol impenjattiv għal ħlas finanzjarju baxx, kollha jistgħu jikkontribwixxu għad-detriment tas-saħħa.

Il-pożizzjonijiet soċjali tal-passat ukoll jistgħu jinfluwenzaw l-istatus tas-saħħa tal-individwi. Pereżempju, l-istatus soċjoekonomiku tal-familja (inkluż dħul u interess fl-edukazzjoni) jista’ jkollu rwol kbir fid-determinazzjoni tal-ilħuq tal-livell edukattiv tat-tfal, tal-prospetti ta’ impjeg, id-dħul u s-saħħa. Xi studji juru li status soċjoekonomiku għoli tal-ġenituri jnaqqas ir-riskju ta’ puplesiji u l-kanċer fl-istonku fil-ħajja adulta. Id-deprivazzjoni soċjoekonomika materna hija assoċjata b’mod qawwi mal-piż baxx fit-twelid li jista’ jkollu impatt fuq is-saħħa ta’ persuna matul il-ħajja tiegħu jew tagħha. Barra minn hekk, kif diġà rajna, kundizzjonijiet ħżiena tal-ħajja fit-tfulija jista’ jkollhom impatt fi stadju aktar tard.

Differenzi fl-istili tal-ħajja u l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol skont l-età, is-sess u l-istatus soċjoekonomiku
QA24 Tista' jekk jogħġbok tgħidli jekk tapplikax xi waħda minn dawn għalik? (Aktar minn tweġiba waħda possibbli)

		Inti tpejjeż	Għandek piż eċċessiv	Inti qatt ma tagħmel eżerċizzju, jew tagħmel dan rari ħafna	Ma tikolx wisq ikel bnin	Għandek it-tendenza li tixrob alkoħol mhux ħażin	Inti tgħix f'ambjent storbjuż	Inti tgħix jew taħdem f'ambjent li huwa mniġġes ħafna	Tbati minn stress fuq ix-xogħol	Tbati minn stress fir-relazzjonijiet personali tiegħek	Ebda waħda minn dawn (SPONT.)	Ma nafx	
	UE-27	30%	20%	24%	14%	7%	8%	6%	17%	10%	32%	1%	
	Bejn is-Sessi												
	Raġel	35%	19%	22%	16%	12%	8%	7%	19%	7%	29%	1%	
	Mara	24%	22%	25%	12%	3%	7%	5%	15%	13%	34%	1%	
	Età												
	15–24	34%	9%	17%	22%	10%	10%	6%	11%	11%	37%	1%	
	25–39	39%	15%	23%	16%	8%	9%	7%	25%	11%	26%	1%	
	40–54	34%	25%	26%	14%	9%	8%	8%	26%	12%	25%	1%	
	55+	17%	26%	26%	8%	4%	6%	3%	5%	7%	39%	1%	
	Edukazzjoni (Tmiem ta')												
	15	25%	23%	27%	10%	6%	6%	4%	8%	9%	36%	1%	
	16–19	36%	22%	25%	16%	8%	8%	7%	18%	10%	28%	1%	
	20+	28%	20%	23%	12%	8%	8%	6%	28%	10%	29%	1%	
	Għadek tistudja	25%	8%	15%	20%	9%	11%	5%	8%	11%	43%	1%	
	Skala ta' xogħol ta' min wiegħeb												
	Taħdem għal rasek	37%	18%	22%	13%	10%	8%	8%	28%	10%	27%	1%	
	Maniġer	21%	19%	20%	12%	10%	6%	5%	39%	8%	30%	1%	
	Xogħol klerikali ieħor	33%	21%	27%	17%	8%	7%	7%	29%	9%	26%	1%	
	Ħaddiem manwali	42%	19%	23%	17%	9%	9%	10%	27%	9%	24%	1%	
	Persuna li tibqa' d-dar	23%	20%	28%	9%	2%	7%	3%	2%	14%	36%	2%	
	Mhux impjegat/a	53%	24%	26%	19%	12%	12%	6%	5%	19%	22%	1%	
	Irtirat	18%	27%	26%	8%	5%	5%	3%	1%	8%	41%	1%	
Student/a	25%	8%	15%	20%	9%	11%	5%	8%	11%	43%	1%		

Sors: Eurobarometer 283.



2.2. Kwistjonijiet ta' impjeg

Il-kwistjonijiet ta' impjeg għandhom rwol fid-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa tal-poplu u l-qgħad huwa assoċjat ma' żieda fir-riskju ta' saħħa mentali ħażina, l-esklużjoni soċjali u s-suwiċidju. Kif imsemmi hawn fuq, il-kwalità tal-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom effett sinifikanti wkoll fuq is-saħħa.

Ambjent tax-xogħol tajjeb bħal wieħed li jillimita l-esponiment għal riskji fiżiċi jew aġenti kimiċi u bijoloġiċi jgħib benefiċċji għas-saħħa. Għadd ta' studji jissuġġerixxu li l-kwalità tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jaffettwaw is-saħħa b'mod konsiderevoli. Pereżempju, ammont baxx ta' pressjoni fiżika u ta' stress, grad għoli ta' kontroll fuq il-ħajja professjonali tal-bniedem, opportunitajiet biex jiġu żviluppatti ħiliet ġodda, paga għolja u l-prospetti għal progress, kollha jikkontribwixxu għal saħħa tajba. Min-naħa l-oħra, nuqqas ta' appoġġ fuq ix-xogħol u sensazzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà tax-xogħol jżidu r-riskju tal-mard, inkluża id-depressjoni.

Ir-riskji tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol ivarjaw b'mod sinifikanti bejn is-setturi. Il-ħaddiema żgħażaġħ ġeneralment huma inqas infurmati dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol u għalhekk ikunu iktar esposti għalihom. Ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' impjeg għal perjodu ta' żmien fiss jew temporanju għandhom riskju oġġla ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ta' mard fuq il-post tax-xogħol.

2.3. Ġid u saħħa: relazzjoni kumplessa

Il-prestazzjoni ekonomika kif imkejla mill-Prodott Gross Domestiku (PGD) per capita, u r-rati tal-faqar ivarjaw madwar l-UE u tippersisti l-inugwaljan-

za sostanzjali fid-dħul. Fl-2006, id-dħul totali tal-20% l-iktar għonja tal-popolazzjoni kien 4.8 darbiet oġġla minn dak tal-ifqar 20%. Bosta studji jissuġġerixxu li l-inugwaljanza fid-dħul hija waħda mid-diversi fatturi li jikkawżaw id-differenzi fis-saħħa bejn il-pajjiżi u l-individwi. Inugwaljanza bħal din hija fil-parti l-kbira tagħha dovuta għall-grad ta' stratifikazzjoni soċjali prodotta mill-ixprunaturi strutturali bħall-kuntest politiku, in-normi u l-valuri soċjali, u l-politika ekonomika, soċjali, tal-edukazzjoni, ambjentali u tas-saħħa.

Madankollu, ir-relazzjoni globali bejn it-tkabbir ekonomiku u s-saħħa hija kumplessa. L-evidenza tissuġġerixxi li, waħdu, it-tkabbir ekonomiku ma jistax iwassal għal tnaqqis fl-inugwaljanzi tas-saħħa. Sabiex jillimita l-inugwaljanzi tas-saħħa, it-tkabbir ekonomiku jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn miżuri kumplementari ta' politika u attenzjoni akbar għad-distribuzzjoni tal-benefiċċji. Barra minn hekk, it-traduzzjoni tal-PGD per capita f'ċittadini b'saħħithom u l-ekwità tas-saħħa tiddependi, fil-biċċa l-kbira, fuq it-taħlita politika korretta għat-tnaqqis tad-differenzi u t-titjib fis-saħħa ġenerali billi tiġi ottimizzata r-relazzjoni bejn il-kisba tas-saħħa u r-riżorsi disponibbli. Għandu jiġi osservat ukoll li, minħabba fatturi bħad-dieta, ċerti Stati Membri u reġjuni tal-UE għandhom it-tendenza li jkollhom aktar indikaturi favorevoli għas-saħħa minn xi wħud mill-kontropartijiet tagħhom li ekonomikament għandhom aktar suċċess.

2.4. Protezzjoni soċjali u trasferimenti: kontribuzzjoni għall-istatus tas-saħħa?

Madwar l-UE, jistgħu jiġu osservati varjazzjonijiet fid-daqs u fil-firxa tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, inkluż f'relazzjoni mal-baġits għall-kura tas-saħħa u l-protezzjoni tal-persuni barra mis-suq tax-xogħol. Minħabba li l-faqar huwa kkunsidrat bħala fattur importanti li jiddetermina s-saħħa, il-firxa tar-ridistribuzzjoni u l-protezzjoni soċjali tista' tkun marbuta mal-inugwaljanza tas-saħħa, peress li ġie stmat li l-politiki tar-ridistribuzzjoni tad-dħul inaqqsu r-riskju tal-faqar b'38%.

2.5. Punt fokali: infiq u baġits tal-kura tas-saħħa

Id-daqs tal-baġits tas-saħħa jistgħu jiddeterminaw il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. Hemm tendenza li l-Istati Membri jirrapportaw għomor mistenni iktar baxx u livelli għolja ta' ħtieġa mhux sodisfatta għal kura medika, sabiex jirrapportaw ukoll infiq baxx tas-saħħa per capita u bħala perċentwal tal-PGD.

Id-disponibbiltà (inkluż l-infrastruttura, it-tagħmir u l-għadd ta' professjonisti tas-saħħa), l-aċċess għal u l-kwalità tal-kura tas-saħħa huma fatturi ewlenin fid-determinazzjoni tal-inugwaljanzi minħabba li dawn jinfluwenzaw il-probabbiltà li tiġi megħluba l-morbożità u li tiġi evitata mewta prematura. Is-sistemi tas-saħħa jbatu minn nuqqas ta' riżorsi (kemm finanzjarji kif ukoll umani) u mid-distribuzzjoni irregolari ġeografika u soċjali tagħhom. Dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw il-mod u l-veloċità li bihom il-mard jiġi dijanjostikat u ttrattat u għalhekk ikollhom impatt fuq is-saħħa ġenerali tal-popolazzjoni.

Il-kwalità tal-kura tas-saħħa għandha rwol ewlieni fl-iżgurar ta' livelli għoljin ta' saħħa pubblika. Pereżempju, tliet miljun pazjent tal-UE jbatu minn infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa kull sena u 50 000 minnhom imutu. Id-differenzi fl-aċċess għall-kura ta' kwalità jwasslu għal differenzi kbar ħafna fil-mortalità li tista' titfejjaq.

Jistgħu jiġu osservati wkoll differenzi soċjoekonomiċi fl-aċċess għall-kura. Hemm differenza ċara fid-dħul f'termini ta' ħtieġa mhux sodisfatta għal kura medika. Dawk fil-kwintili l-aktar baxxi tad-dħul jirrapportaw aktar spiss ħtieġa mhux milħuqa minħabba stennija, spejjeż finanzjarji diretti jew id-distanza għal faċilitajiet ta' kura. L-evidenza tissuġġerixxi li, bħala medja, il-familji bi dħul aktar baxx għandhom aktar bogħod biex jivvjaġġaw lejn l-isptar jew għand it-tabib tagħhom tal-familja. Barra minn hekk, dawk bi dħul baxx għandhom inqas ċans li jiddaħħlu l-isptar jew li jarahom speċjalista. Diversi Rapporti Konġunti dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali identifikaw ostakli għall-aċċess inkluż nuq-



qas ta' kopertura ta' assigurazzjoni tas-saħħa, spejjeż finanzjarji diretti ta' kura, differenzi ġeografiċi fid-disponibbiltà tas-servizz, ħinijiet ta' stennija u ostakli kulturali.

Fl-istess ħin, livelli għoljin ta' nfiq għall-kura tas-saħħa privata bħala proporzjon tad-dħul tal-familji jista' jiddiswadi lil gruppi soċjoekonomiċi iktar baxxi milli jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa meta jkollhom bżonn, biex b'hekk jikkontribwixxu għal żieda fl-inugwaljanza tas-saħħa f'xi pajjiżi.

2.6. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali: x'inhu l-impatt?

Il-kundizzjonijiet makroekonomiċi diffiċili jista' jkollhom effett negattiv qawwi fuq is-saħħa. Ħafna drabi dawn iwasslu għal żieda fil-livelli ta' stress u ta' mġiba riskjuża bħax-xorb u t-tippij. Dan jista' minnu nnifsu jkollu impatt negattiv fuq is-saħħa u jista' jwassal ukoll għal fatturi bħad-depressjoni, sistema immunitarja mfixkla u inċidenti. Dawn l-effetti tas-saħħa jista' jkollhom konsegwenzi ulterjuri fuq is-saħħa u l-edukazzjoni fil-familji, b'mod partikolari għat-tfal. Kriżi ekonomika fit-tul tista' tagħti lok għal impatti negattivi fit-tul fuq is-saħħa. Sintomi ta' kundizzjonijiet ta' eżawriment jistgħu jfeġġu snin minflok ġimgħat jew xhur wara s-sensja.

Żieda fir-restrizzjonijiet dwar l-aċċess għal kura tas-saħħa u soċjali ta' kwalità, speċjalment għal dawk fi gruppi soċjoekonomiċi iktar baxxi, huwa effett ieħor ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Jekk l-aċċess għall-kura jibda jiddependi fuq il-pussess ta' mezzi finanzjarji jew jekk l-Istati Membri jaqtgħu r-riżorsi allokati għall-kura tas-saħħa u soċjali bħala reazzjoni għall-kriżi, ir-riżultat se jkun kopertura jew kwalità tal-kura iktar baxxi.

Il-persjoni finanzjarja fuq is-sistemi tas-saħħa tista' twassal lill-pajjiżi biex jirrevedu t-tiżwiqa politika tagħhom fuq determinanti tas-saħħa fit-tfittxija ta' effikaċja u effiċjenza akbar. Dan għal darb'oħra, jista' jżid l-inugwaljanza ta' aċċess għall-kura.

3. Azzjoni dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Istati Membri tal-UE

L-Istati Membri tal-UE kollha impenjaw ruħhom li jnaqqsu l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-kura tas-saħħa u r-riżultati tas-saħħa bħala objettiv tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Ir-rapporti minn Stati Membri li jiġu analizzati bħala parti mir-rapporti annwali konġunti dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali jiddokumentaw l-azzjonijiet li qegħdin jieħdu. Barra minn hekk, hemm għadd ta' sorsi ta' informazzjoni dwar inizjattivi politiċi fuq il-livell tal-Istati Membri li rriżultaw effettivi fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dawn jinkludu r-rapport prodott għall-Presidenza tar-Renju Unit 2005, "Inugwaljanzi fis-Saħħa: Sfida għall-Ewropa", il-proġett ikkoordinat mill-Eurohealthnet "Tnaqqis tad-Distakk: Strateġiji għal azzjoni sabiex jiġu ttrattati l-inugwaljanzi tas-saħħa" u l-proġett kontinwu ikkoordinat mill-Eurohealthnet "Determine" u l-websajt relatata tiegħu (www.health-inequalities.eu).

Dan jiġbor informazzjoni mill-Istati Membri dwar strateġiji sabiex jiġu ttrattati l-inugwaljanzi tas-saħħa. L-akbar ammont ta' evidenza tiġi mir-Renju Unit, fejn ġew żviluppati strateġiji komprensivi sabiex jiġu ttrattati l-inugwaljanzi tas-saħħa għal aktar minn għaxar snin u fejn saru diversi valutazzjonijiet.

L-evidenza disponibbli tindika li bosta Stati Membri jikkondividu l-konklużjonijiet msemmija hawn taħt. Għal xi wħud minnhom, intgħażel każ ta' studju għall-finijiet ta' tifsir aħjar.

1. Universalità proporzjonali: “Sabiex titnaqqas ix-xaqliba soċjali fis-saħħa, l-azzjonijiet għandhom ikunu universali, iżda bi skala u intensità li jkunu proporzjonali mal-livell tal-iżvantaġġ” (“Fair Society, Healthy Lives – Strategic Review of Health Inequalities in England post 2010”, ippubblikat minn The Marmot Review Frar 2010)². Dan huwa partikolarment il-każ għall-promozzjoni tas-saħħa u l-programmi ta’ prevenzjoni tal-mard għal żoni żvantaġġjati, familji vulnerabbli u gruppi soċjoekonomiċi iktar baxxi (eż. ommijiet, tfal, ġenituri żgħażaġh u dawk li għandhom aktar minn 50 sena).

KAŻ TA’ STUDJU 1 Ir-Renju Unit – Programmi Lokali Sure Start¹: It-tqegħid fil-prattika tal-“universalità proporzjonali”

Fuq bażi ta’ approċċ ħolistiku tal-inugwaljanzi tas-saħħa, il-Programmi Lokali Sure Start jiġbru flimkien il-kura tat-tfal, l-edukazzjoni bikrija, is-servizzi tas-saħħa u ta’ appoġġ għall-familji bi tfal taħt il-ħames snin. Huwa wieħed mill-kontribuzzjonijiet tal-Gvern Ingliż għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa, mill-perspettiva tal-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali. Dawn il-programmi huma implimentati fuq bażi lokali, f’Ċentri Lokali Sure Start, li jinsabu f’inħawi żvantaġġjati.

L-approċċ Sure Start ilaqqaq flimkien lill-fornituri tas-servizzi mis-settur statutorju bħas-saħħa, s-servizzi soċjali u l-edukazzjoni bikrija, kif ukoll organizzazzjonijiet volontarji, privati u tal-komunità u l-ġenituri nfushom, biex jipprovdu servizzi integrati għat-tfal żgħar u l-familji tagħhom fuq bażi ta’ dak li jeħtieġu t-tfal u dak li jixtiequ l-ġenituri.

Riżultati ewlenin: L-Istudju tal-Impatt tal-Valutazzjoni Nazzjonali ta’ Sure Start iffoka fuq aktar minn 9 000 tifel/tifla ta’ tliet snin u l-familji tagħhom. Ġew identifikati benefiċċji fl-oqsma li ġejjin: tilqim, korrimenti aċċidentali u l-iżvilupp soċjali. Safejn kienu kkonċernati l-ġenituri, dan wera effetti ta’ benefiċċju tal-ġenituri u żieda fl-użu tas-servizzi maħsuba għall-appoġġ tat-tfal u l-iżvilupp tal-familja.

* <http://www.dcsf.gov.uk/everychildmatters/earlyyears/surestart/whatsurestartdoes/>

2 <http://www.marmot-review.org.uk/>



© Getty Images

2. L-Istati Membri jħossu li l-azzjoni reġjonali u lokali, appoġġjata minn azzjoni nazzjonali u tal-UE, hija importanti ħafna sabiex jinkisbu riżultati. L-awtoritajiet lokali għandhom jidentifikaw individwi f'riskju ta' status ta' saħħa aktar baxx fil-komunitajiet tagħhom. Sabiex jintlaħqu dawn l-individwi, l-atturi fil-livell reġjonali jistgħu jibnu infrastruttura tal-viċinat u tal-komunità.



KAŻ TA' STUDJU 2 Ungerija – Opre Roma: Tqajjim ta' għarfien dwar l-ippjanar ta' djar b'saħħithom u sostenibbli fost komunità Roma li tgħix f'Debrecen*

L-għanijiet ewlenin ta' din l-inizjattiva kienu li titqajjem kuxjenza fil-komunità lejn il-kwistjonijiet tal-ambjent, l-enerġija u tal-imġiba lejn is-saħħa, li jibnew pjanijiet komunitarji għal akkomodazzjoni soċjali sostenibbli, li tiffirka l-enerġija u li twassal għas-saħħa, iżda wkoll li jibnew pjanijiet għal akkomodazzjoni soċjali li jistgħu jiġu mwettqa minnufih.

Il-membri tal-Komunità kienu involuti bis-sħiħ fl-iżvilupp ta' dawn il-pjanijiet u rċevew taħriġ xieraq fil-ġestjoni tad-djar u fl-oqsma tal-iffirka tal-enerġija. B'mod aktar ġenerali, ir-rabta bejn is-saħħa u l-akkomodazzjoni u l-ambjent kienet ħila prinċipali miksuba min-nies involuti fil-proġett.

Riżultati prinċipali: il-kundizzjonijiet tad-djar kienu identifikati bħala determinant ewlieni tal-istatus tas-saħħa, u b'hekk għandhom rwol fl-inugwaljanzi tas-saħħa. It-titjib tal-kundizzjoni jiet tad-djar, u l-bini ta' djar ġodda li jqisu b'mod komplet l-isfond kulturali tar-Roma kien wieħed mill-kisbiet ewlenin ta' dan il-proġett.

* <http://www.health-inequalities.eu/?uid=e52af77626a071aba322dfded1c78d99&id=Seite3486>



© Getty Images

3. Il-bini ta' sħubiji mas-settur li m'għandux l-għan li jagħmel profitt, in-negozju u s-suq tax-xogħol jista' jkun ukoll mezz effettiv ta' kif titqajjem il-kuxjenza u tiġi mħeġġa azzjoni sabiex ikunu megħjuna dawk f'riskju ogħla ta' problemi tas-saħħa.

KAŻ TA' STUDJU 3 Il-Ġermanja "Job Fit Regional": L-irbit tas-saħħa mal-promozzjoni tal-impjieg*

L-għan ewlieni kien li fornituri ta' impjieg jintużaw bħala qafas istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-promozzjoni tas-saħħa. Saru sessjonijiet speċifiċi ta' taħriġ minn istituzzjonijiet ta' taħriġ li huma normalment responsabbli biex jappoġġjaw lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjieg. L-istituzzjonijiet statutorji ta' assigurazzjoni tas-saħħa huma wkoll imsieħba ewlenin f'dan il-proġett, minħabba li huma wkoll iwettqu azzjonijiet li jiffukaw fuq il-gruppi.

Ġew avvċinatu u amministrati nies bla xogħol permezz ta' metodoloġija speċifika** sabiex tiġi vvalutata l-kompetenza tas-saħħa individwali b'mod preċiż ħafna (b'mod speċjali diskors komprensiv u li joħloq motivazzjoni dwar is-saħħa) u sabiex jinbena pjan ta' promozzjoni tas-saħħa. Programmi varji, speċjalment korsijiet ta' prevenzjoni, ta' ġestjoni tal-istress, u sessjonijiet ta' taħriġ iffokati fuq il-gruppi huma appoġġjati finanzjarjament minn assigurazzjonijiet statutorji tas-saħħa. Saru wkoll sessjonijiet ta' taħriġ maħsuba speċifikament għall-persunal tal-fornituri tal-kwalifiki u tal-impjieg.

Grazzi għal dan il-programm, l-istituzzjonijiet ta' impjieg u kwalifiki għall-persuni qiegħda u l-istituzzjonijiet statutorji għall-assigurazzjoni tas-saħħa jaħdmu b'rabta mill-qrib, sabiex itejbu s-saħħa tan-nies bla xogħol fl-ambjent tagħhom stress.

Riżultati ewlenin: Il-proġett intlaqa' b'mod tajjeb ħafna mill-istituzzjonijiet. Grazzi għal dan il-programm, ġie identifikat titjib fl-imġiba tas-saħħa (speċjalment l-attività fiżika u n-nutrizzjoni), tnaqqis fl-istress psikosoċjali u titjib fil-prattiċità.

* <http://www.gib.nrw.de>

** http://www.gib.nrw.de/service/downloads/BKK_JobFit_guidelines_RZweb_Einzelseiten.pdf

4. Il-kejl u r-rappurtar regolari ta' indikaturi ta' inugwaljanzi tas-saħħa

huwa l-ewwel pass essenzjali lejn azzjoni effettiva, speċjalment f'żoni żvantaġġjati. Il-ġbir ta' informazzjoni permezz ta' monitoraġġ regolari ta' indikaturi tas-saħħa jista' jappoġġja it-tqajjim tal-kuxjenza u jippermetti lil dawk li jfasslu l-politiki biex jidentifikaw il-firxa tal-inugwaljanzi u fejn jinsabu (it-tipi ta' mard u l-kawżi tal-mortalità).

5. L-applikazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa u t-testijiet tal-ekwità tas-saħħa u l-verifiki għall-politiki b'mod ġenerali huwa mod effettiv biex tinħoloq kuxjenza intersettorjali ta' inugwaljanzi tas-saħħa u d-determinanti soċjali tagħhom.

L-Istati Membri jew l-istudji tar-reviżjoni ta' riċerka qiesu bosta azzjonijiet speċifiċi ta' politika bħala effettivi fl-indirizzar tal-inugwaljanzi tas-saħħa.

Fl-Olanda u fir-Renju Unit saru sforzi sabiex jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-riskji tat-tipjip kif ukoll għal servizzi ta' waqfien mit-tipjip għal dawk f'żoni żvantaġġjati u fil-gruppi soċjoekonomiċi aktar baxxi.

Dawn l-oqsma juru b'mod konsistenti rati ogħla ta' tipjip minn gruppi aktar sinjuri.

It-titjib tal-kura qabel it-twelid (skrinjar u tilqim) u wara t-twelid, inkluż skrinjar ta' trabi tat-twelid u appoġġ tal-ġenituri, bħall-ġhoti ta' informazzjoni dwar in-nutrizzjoni, it-tipjip tal-ġenituri u l-pożizzjonijiet fl-irqad, huwa element ewlieni fiż-żieda tal-livelli tas-saħħa ġenerali. Kemm ir-Renju Unit kif ukoll il-Polonja nedew programmi sabiex dawk li jinsabu f'żoni u/jew gruppi soċjoekonomiċi inqas sinjuri jkunu jistgħu jirċievu kura xierqa qabel it-twelid u wara t-twelid sabiex titnaqqas id-differenza fil-mortalità tat-trabi tat-twelid u tat-tfal żgħar. Bħalissa għaddej programm simili mmirat lejn l-immigranti fl-Olanda. Dawn il-programmi jaħdmu mat-tobba tal-familja u l-isptarijiet u jinkludu żjarat fid-djar ta' ommijiet vulnerabbli mill-bidu tat-tqala sa meta t-tarbija jkollha sentejn.

4. Azzjoni fuq livell tal-UE

4.1. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa

Fl-20 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Is-Solidarjetà fis-saħħa: tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa fl-UE"³. Il-ħidma dwar il-Komunikazzjoni kienet immexxija b'mod konġunt mill-Kummissarji għas-saħħa u għall-politika soċjali. Il-Komunikazzjoni tibni fuq ħidma eżistenti deskritta hawn taħt u tidentifika oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni ulterjuri.

Azzjonijiet ewlenin stipulati fil-Komunikazzjoni jinkludu:

- l-integrazzjoni ta' distribuzzjoni bbilanċjata tas-saħħa fi ħdan l-iżvilupp ġenerali ekonomiku u soċjali. Tista' tingħata kunsiderazzjoni dwar jekk il-monitoraġġ sod tal-indikaturi tal-inugwaljanzi tas-saħħa jgħinx ukoll biex tiġi mmonitorjata d-dimensjoni soċjali tal-Istrateġija ta' Lisbona fil-futur (Ewropa 2020);
- it-titjib tal-modi ta' ħidma mal-Istati Membri, il-partijiet interessati u r-reġjuni;
- it-titjib tal-appoġġ tal-UE għar-riċerka tal-inugwaljanzi fis-saħħa;
- il-verifiki tal-politiki sabiex jiġi aċċertat l-impatt tagħhom fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa;
- l-inkoraġġiment lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar tal-possibilitajiet taħt il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-fondi strutturali u l-politika għall-iżvilupp rurali PAK sabiex jiġu indirizzati d-determinanti tal-inugwaljanzi tas-saħħa;

3 COM(2009)567. <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=89&langId=en&newsId=619&furtherNews=yes>
http://ec.europa.eu/health/social_determinants/policy/commission_communication/index_en.htm

- attivitajiet immirati lejn ċerti gruppi vulnerabbli, bħall-minoritajiet etniċi, il-migranti u r-Roma;
- l-esplorazzjoni tal-possibilitajiet ta' sinerġiji bejn l-għajnuna għall-iżvilupp tal-Kummissjoni u x-xogħol fuq l-inugwaljanzi tas-saħħa;
- titjib tal-kejl u l-monitoraġġ tal-inugwaljanzi tas-saħħa, bl-ewwel rapport mistenni li jiġi ppubblikat fl-2012.

4.2. L-Istrateġija Ewropea għall-Impjegi

L-importanza tal-impjieg għas-saħħa hija enfasizzata f'għadd ta' linji gwida tal-UE:

Linja Gwida dwar l-Impjegi Nru 17 tiffoka fuq it-titjib tal-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol u timmodernizza sistemi ta' ħarsien soċjali. Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa wieħed mill-fatturi ewlenin fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajba. Huwa wkoll element kruċjali biex jattira aktar nies fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fid-dawl tal-popolazzjoni Ewropea li qiegħda tixjieħ. Għalhekk għandha kontribuzzjoni konkreta x'tagħmel lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa.

Linja Gwida dwar l-Impjegi Nru 18 tippromwovi approċċ ta' ċiklu tal-ħajja u titlob għal appoġġ għal anzjanità attiva inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol adatti u titjib fl-istatus tas-saħħa okkupazzjonali sabiex tiġi mtawla l-ħajja tax-xogħol taċ-ċittadini. Dan jeħtieġ ukoll il-promozzjoni ta' sistemi moderni ta' ħarsien soċjali inkluż fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Il-linja gwida tenfasizza wkoll li t-titjib fl-istatus tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol ser inaqqas il-piżijiet tal-mard, u b'hekk iżid il-produttività tax-xogħol.



© L-Unjoni Ewropea

Linja Gwida dwar l-Impjegi Nru 21 jippromwovi u jxerred forom innovattivi u addattabbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol biex titjeb il-kwalità u l-produttività, kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. Hija tteġġeg l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati ta' flessigurtà bil-għan li tgħin lill-ħaddiema, inklużi dawk fl-impjegi b'ħiliet baxxi u fil-marġini tas-suq tax-xogħol sabiex ilaħħqu ma' ħajja tax-xogħol aktar kumplessa, diversa u irregolari, u għalhekk eżiġenti.

Linja Gwida dwar l-Impjieg nru 23 tenfasizza l-ħtieġa li wieħed jiffoka fuq kapaċitajiet ġodda għal impjieg ġodda sabiex jippromwovu l-aċċess għal kulħadd għas-suq tax-xogħol u jiżguraw l-innovazzjoni u l-kwalità fuq il-post tax-xogħol.

4.3. Kooperazzjoni mal-Istati Membri

TL-UE tappoġġja azzjonijiet tal-Istati Membri li jindirizzaw sfidi komuni billi tiffaċilita d-djalogu, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-koordinazzjoni tal-politika ma' u bejn l-Istati Membri u ma' organizzazzjonijiet interessati. Mekkaniżmi għal kooperazzjoni bħal din jinkludu l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, il-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali u l-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar id-Determinanti Soċjali u l-Inugwaljanzi tas-Saħħa. Fl-2010, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-Ekwità u s-Saħħa⁴ li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw aktar il-politiki u l-azzjonijiet tagħhom biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa u jipparteċipaw b'mod attiv fil-kondiviżjoni tal-prattika tajba.

4.4. L-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE

Ekwiżità akbar tas-saħħa hija element ewlieni tal-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE u dimensjoni importanti ta' politiki u inizzjattivi f'oqsma bħat-tabakk, l-obeżità, l-alkoħol, iż-żgħażaġh u s-saħħa mentali. Tinżamm kooperazzjoni mill-qrib ma' xogħol relatat tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, il-Kunsill tal-Ewropa u l-iżviluppi ta' riċerka f'dan il-qasam.

4 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekwità u s-Saħħa fil-Politiki Kollha: Solidarjetà fis-Saħħa. Il-3019-il laqgħa tal-Kunsill dwar l-Impjieg, il-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur, Brussell, 8 ta' Ġunju 2010
http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/Isa/114994.pdf

4.5. Fondi tal-UE

L-appoġġ finanzjarju għal azzjoni dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa qed jiġi pprovdut permezz ta' għadd ta' programmi u strumenti tal-UE.

Il-Politika ta' Koeżjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-iżbilanċi reġjonali. Dan l-aħħar, is-saħħa ġiet definita bħala wieħed mill-oqsma għall-appoġġ permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) skont il-Linji Gwida Strateġiċi Komunitarji għall-Koeżjoni 2007–2013⁵. Il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, it-trasferiment tal-għarfien, it-taħriġ u d-disponibbiltà ta' persunal ta' ħila kbira u l-infrastruttura f'reġjuni ta' konverġenza huma wħud mill-oqsma topiċi li jikkwalifikaw għall-appoġġ. Il-Linji Gwida josservaw li hemm "differenzi kbar fl-istatus tas-saħħa u l-kura tas-saħħa bejn ir-reġjuni tal-UE" ... għalhekk "huwa importanti għall-koeżjoni ... li jkun hemm kontribuzzjoni għall-faċilitajiet tas-saħħa ... it-titjib fis-saħħa fuq bażi Komunitarja u l-azzjonijiet preventivi għandhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi".

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) mhijiex politika soċjali fiha nfisha u minha nfisha, iżda għandha elementi li jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa bħall-iżgurar ta' standard ta' għajxien ġust għall-bdiewa, id-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel u prezzijiet raġonevoli għall-konsumatur. Il-PAK tappoġġja l-Iskema tal-Ħalib fl-Iskejjet u d-distribuzzjoni ta' prodotti agrikoli lil gruppi żvantaġġjati. Dan l-aħħar, ġew esplorati kontribuzzjonijiet possibbli min-naħa tal-PAK għall-promozzjoni ta' dieta aktar b'saħħitha permezz ta' enfasi akbar fuq il-konsum tal-frott u l-ħxejjex. Barra minn hekk, il-politika għall-iżvilupp rurali tal-UE tappoġġja l-investiment fi u l-iżvilupp tas-servizzi tal-kura soċjali u tas-saħħa, it-teknoloġija u l-infrastruttura f'żoni rurali kif ukoll azzjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni dwar suġġetti tas-saħħa u soċjali.

5 http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/2007/osc/l_29120061021en00110032.pdf

Il-Programm tas-Saħħa tal-UE jiffinanzja netwerks ta' azzjoni, inizjattivi lokali, reviżjonijiet esperti, konferenzi u innovazzjonijiet tal-politika fil-qasam tas-saħħa pubblika.

Fil-qafas ta' PROGRESS (*Il-Programm tal-UE għall-Impjiegi u Solidarjeta' Soċjali 2007–2013*), tnediet sejħa speċifika għal proposti f'Marzu 2010, sabiex tippromwovi l-azzjonijiet deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, speċifikament billi jiġi pprovdut appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali f'pajjiżi li jipparteċipaw fi PROGRESS sabiex isaħħu l-politiki biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi tas-saħħa.



Il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetajiet Ewropej. Mill-baġit totali ta' EUR 825 miljun, 7% huma mmirati biex jappoġġjaw proġetti li jindirizzaw l-aspetti ta' integrazzjoni, inkluż aċċess għall-kura tas-saħħa. It-93% li jibqa' huma għall-Istati Membri biex jimplementaw Programm Annwali bi qbil mal-Kummissjoni.

Il-Programm ta' Qafas tal-UE għar-Riċerka joffri wkoll possibiltajiet għat-trattament tal-inugwaljanzi tas-saħħa, b'mod partikolari taħt it-tielet pilastru tat-Tema tas-Saħħa tal-Programm ta' Kooperazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-UE. Dan jimmira li jiżviluppa metodi ta' riċerka u jiġġenera l-bażi xjentifika sabiex isostni d-deċiżjonijiet ta' politika u aktar strateġiji effettivi bbażati fuq l-evidenza fl-oqsma bħall-promozzjoni tas-saħħa u determinanti usa' tas-saħħa nkluż l-istil ta' ħajja u fatturi soċjoekonomiċi u ambjentali⁶.

4.6. Leġiżlazzjoni

L-UE stabbiliet leġiżlazzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Din tissorvelja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tiffinanzja wkoll ir-riċerka f'dan il-qasam.

Il-popolazzjoni attiva li taħdem bħalissa tammonta għal 48.3% tal-popolazzjoni totali tal-UE. Għalhekk, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandha kontribut sinifikanti ħafna x'tagħmel għas-saħħa pubblika globali u għat-tnaqqis ta' xi wħud mill-elementi ewlenin li jikkawżaw inugwaljanzi tas-saħħa bejn l-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-UE. Id-Direttiva 91/383/KE timmira li tiżgura li l-ħaddiema b'xogħol għal perjodu ta' żmien fiss u tal-aġenziji,

⁶ DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (2006/971/KE) tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sal-2013), ĠU L 400/127).

jingħatalhom, rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, l-istess livell ta' protezzjoni bħall-ħaddiema l-oħrajn. Fl-2009 ġie abbozzat rapport fl-2009 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva sal-2007. Ir-rapport jipprova jidentifika n-nuq-qasijiet potenzjali fid-Direttiva sabiex jiggwida azzjoni futura tal-Kummissjoni.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt għall-Istrateġija Komunitarja tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2007–2012 uriet li l-istrateġija tas-saħħa okkupazzjonali jnaqqsu l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u jgħinu lill-vittmi tal-inċidenti u lil dawk morda kronikament biex iżommu l-impjiegi tagħhom jew jirritornaw għax-xogħol. Huma jipprovdu wkoll pjattaforma għall-integrazzjoni ta' ħaddiema migranti u jistgħu jnaqqsu kundizzjonijiet stressanti u monotoni tax-xogħol li jikkawżaw detorjazzjoni bikrija tas-saħħa, u għalhekk, ħruġ bikri mill-ħajja tax-xogħol.

Mis-sena 2000 'l hawn, minbarra l-iġijiet li jkopru t-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa, daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni sabiex jiġu żgurati livelli minimi ta' trattament ugwali u protezzjoni għal kull min jgħix u jaħdem fl-Ewropa irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjoni u t-twemmin, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali u l-età. Din il-leġiżlazzjoni tkopri ħafna aspetti tal-ħajja ta' kuljum – mill-post tax-xogħol għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi. Fl-2008, il-Kummissjoni stabbilixxiet Grupp ta' Esperti Governattivi kontra d-diskriminazzjoni u dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza li jeżamina l-impatt tal-miżuri kontra d-diskriminazzjoni nazzjonali u fil-livell tal-UE u jivvalida prattika tajba permezz tal-*peer learning*.

4.7. Is-suq intern

Il-ħidma fuq proċeduri ta' ksar relatati mas-saħħa tista' tgħin biex tnaqqas l-ostakli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa u tnaqqas il-prezz ta' dan, u b'hekk jibbenefikaw ħafna ċittadini minn gruppi soċjoekonomiċi żvantaġġjati. Eżempji ta' dan jinkludu leġiżlazzjoni li tindirizza l-libertà ta' stabbiliment u provvista ta' servizzi, restrizzjonijiet dwar il-proprjetà u l-lokazzjoni ta' spiżeriji u dwar il-proprjetà tal-laboratorji u l-ħinijiet tal-ftuħ tagħhom.

B'mod aktar ġenerali, l-inizjattivi kollha tal-Kummissjoni, issa jgħaddu minn valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali probabbli tagħhom, b'mod partikolari fuq gruppi soċjali u ekonomiċi differenti u fuq inugwaljanzi eżistenti.

4.8. L-edukazzjoni u ż-żgħażaġħ

Saħħa fiżika u mentali u stil ta' ħajja b'saħħitha

huma promossi bħala kompetenzi soċjali u ċiviċi fir-Rakkomandazzjoni dwar kompetenzi ewlenin⁷, li jħajjar lill-Istati Membri biex jiżviluppaw kompetenzi bħal dawn għal kulħadd bħala parti mill-istrateġija tagħhom tat-tagħlim tul il-ħajja. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ⁸ ġdida li tenfasizza l-vulnerabilità taż-żgħażaġħ u tidentifika azzjonijiet li jtejbju s-saħħa taż-żgħażaġħ, b'mod partikolari dawk f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

Dan il-fuljett immira li jipprovdi ħarsa ġenerali wiesgħa lejn l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa fl-UE u xi wħud mill-politiki tal-UE li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tagħhom.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara l-links u r-referenzi t' hawn taħt, jew ikkuntattja lill-Kummissjoni Ewropea (In-numru bla ħlas ta' Europe Direct **00 800 6 7 8 9 10 11**).



7 Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (2006/962/KE).

8 CCOM(2009)200 – 27/04/09 – Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ – Investment u Responsabilizzazzjoni.

Links u referenzi bżonnjużi

Il-Kummissjoni Ewropea:

Komunikazzjoni dwar l-Inugwaljanzi tas-Saħħa

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=89&langId=en&newsId=619&furtHerNews=yes>

http://ec.europa.eu/health/social_determinants/policy/commission_communication/index_en.htm

DĠ għas-Saħħa u l-Konsumaturi / Determinanti soċjali tas-saħħa

http://ec.europa.eu/health/social_determinants/policy/index_mt.htm

DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq

<http://ec.europa.eu/social/home.jsp?langId=mt>

DĠ għall-Politika Reġjonali

http://ec.europa.eu/dgs/regional_policy/index_mt.htm

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

<http://www.consilium.europa.eu/showPage.aspx?lang=mt>

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekwità u s-Saħħa fil-Politiki Kollha: Solidarjetà fis-Saħħa

http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/lsa/114994.pdf

Eurostat:

<http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/eurostat/home/>

WHO-OMS

<http://www.who.int/en/>

Il-Kummissjoni tal-WHO dwar id-determinanti soċjali tas-saħħa

http://www.who.int/social_determinants/thecommission/finalreport/about_csdh/en/index.html

Websajts oħra msemmija f'dan id-dokument (informazzjoni / lista mhux eżawrjenti)

<http://www.health-inequalities.eu>

<http://www.marmot-review.org.uk/>

<http://www.dcsf.gov.uk/everychildmatters/earlyyears/surestart/whatsurestartdoes/>

<http://www.gib.nrw.de>

Biblijografija ħafifa

Eurohealthnet, 2007, *Closing the Gap - Strategies for Action to tackle Health Inequalities. Taking Action on Health Equity*

Mackenbach, J. P., Meerding, W. J., Kunst, A. E., 2006, *Economic implications of socio-economic inequalities in health in the European Union*, Erasmus MC, Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, Il-Pajjiżi l-Baxxi, għall-Kummissjoni Ewropea

http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/socio_economics/documents/socioeco_inequalities_en.pdf

Mackenbach, J. P., 2006, *Health Inequalities: Europe in Profile*, 2006, Rapport indipendenti m'ħejji minn esperti, ikkummissjonat mill-Presidenza tar-Renju Unit tal-UE

http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/socio_economics/documents/ev_060302_rd06_en.pdf

SHARE - Survey of Health, Ageing and Retirement in Europe: Börsch-Supan, A., A. Brugiavini, H. Jürges, J. Mackenbach, J. Siegrist, and G. Weber (eds.), 2005, *Health, Ageing and Retirement in Europe - First Results from the Survey of Health, Ageing and Retirement in Europe*. Mannheim: Mannheim Research Institute for the Economics of Aging (MEA).

http://www.share-project.org/t3/share/index.php?id=books&no_cache=1

Whitehead M, 1990, *The concepts and principles of equity and health*. Kopenhāgen. Uffiċċju Reġjonali tal-WHO Ewropa, 1990

WHO Kummissjoni dwar id-determinanti soċjali tas-saħħa, 2008, *Closing the gap in a generation*.

http://www.who.int/social_determinants/thecommission/finalreport/en/index.html

Għal aktar informazzjoni u referenzi, jekk jogħġbok ara d-dokument ta' Sostenn għall-pakkett għall-istampa, relatata mal-Komunikazzjoni tal-KE 2009-567 dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa:

http://ec.europa.eu/health/archive/ph_determinants/socio_economics/documents/com2009_background_en.pdf

Il-Kummissjoni Ewropea

Tnaqqis fl-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 — 23 pp. — 25 × 17.6 cm

ISBN 978-92-79-15043-2

doi: 10.2767/97424

Dan il-fuljett imsemmi "*Tnaqqis fl-Inugwaljanzi tas-Saħħa fl-Unjoni Ewropea*" jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa bejn u fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Dan jirrevedi diversi punti dwar l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa (speċjalment l-għomor mistenni) u jesplora r-rwol tad-determinanti tas-saħħa b'attenzjoni speċifika fuq ix-*"Xaqliba Soċjali"*, jiġifieri d-dimensjoni soċjali eżistenti virtwalment fil-fatturi kollha li jaffettwaw l-istatus tas-saħħa.

Ġew ipprovduti spjegazzjonijiet speċifiċi dwar ir-rwol tal-politiki Ewropej u nazzjonali f'dan il-qasam speċifiku (inkluż opportunitajiet ta' finanzjament) u dwar il-kontribut potenzjali tagħhom għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa.

Fl-aħħar nett jingħata tagħrif fuq tliet każijiet ta' studju li jiddeskrivu l-benefiċċji miksuba f'oqsma bħas-saħħa tat-tfal, is-saħħa ta' dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjeg, u l-istatus tas-saħħa tal-minoritajiet etniċi.

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f'format stampat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

X'GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link (<http://ec.europa.eu>) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u *Ir-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_en.htm).

Jinteressawk il-pubblikazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjegi,
l-Affarjiet Soċjali u l-Inklużjoni?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistednuk ukoll li tabbona sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika
Social Europe tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



www.facebook.com/socialeurope

ISBN 978-92-79-15043-2



9 789279 150432